# DEĊIŻJONI (UE) 2018/228 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-13 ta' Frar 2018

## li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/936 li tinnomina kapijiet ta' unità ta' xogħol biex jadottaw deċiżjonijiet ta' kompetenza u idoneità (BĊE/2018/6)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 tiegħu,

Wara li ra d-Deċiżjoni (UE) 2017/933 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Novembru 2016 dwar qafas ġenerali għad-delegazzjoni ta' setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal strumenti legali relatati ma' kompiti superviżorji (BĊE/2016/40) ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 5 tagħha,

Wara li ra d-Deċiżjoni (UE) 2017/935 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Novembru 2016 dwar id-delegazzjoni tas-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet ta' kompetenza u idoneità u l-evalwazzjoni ta' rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità (BĊE/2016/42) ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/936 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/16) ([4]) tistipula illi deċiżjonijiet iddelegati, bis-saħħa tal- Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/935 (BĊE/2016/42), għandhom jiġu adottti mid-Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tas-Superviżjoni Mikroprudenzjali IV responsabbli għal deċiżjonijiet ta' kompetenza u idoneità u minn kapijiet oħra ta' unitajiet ta' xogħol;

(2) Fl-1 ta' Frar 2018, seħħ tibdil fl-organizzazzjoni tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE, li jikkonsisti fit-trasferiment ta' tliet diviżjonijiet, inkluża d-Diviżjoni għall-Awtorizzazzjoni, mid-Direttorat Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali IV għad-Direttorat Ġenerali Segretarjat tal-Bord Superviżorju. Id-Deputat Direttorat Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali IV mhuwiex ser jibqa' aktar responsabbli għal deċiżjonijiet ta' kompetenza u idoneità.

(3) Il-President tal-Bord Superviżorju ġie kkonsultat dwar il-kapijiet ta' unitajiet ta' xogħol li lilhom għandha tiġi ddelegata s-setgħa biex jadottaw deċiżjoni ta' kompetenza u idoneità.

(4) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni (UE) 2017/936 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/16)għandha tiġi emendata f'dan is-sens sabiex tirrifletti t-trasferiment tar-responsabilità għal deċiżjonijiet ta' kompetenza u idoneità lid-Direttorat Ġenerali Segretarjat tal-Bord Superviżorju.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi**

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/936 (BĊE/2017/16) huwa mibdul kif ġej:

"*Artikolu 1*

**Deċiżjonijiet iddelegati ta' kompetenza u idoneità**

Deċiżjonijiet iddelegati skont l-Artikoluu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/935 (BĊE/2016/42) huma adottati mid-Direttur Ġenerali jew id-Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali Segretarjat tal-Bord Superviżorju.responsabbli għal deċiżjonijiet ta' kompetenza u idoneità, jew jekk huma mhumiex disponibbli, mill-Kap tad-Diviżjoni għall-Awtorizzazzjoni, u minn wieħed mill-kapijiet ta' unitajiet ta' xogħol li ġejjin:

(a) id-Direttur Ġenerali tad-Superviżjoni Mikroprudenzjali I, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp taħt superviżjoni relevanti hija mwettqa mid-Direttorat Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali I;

([1]) ĠU L 141, 1.6.2017, p. 14.
([2]) ĠU L 141, 1.6.2017, p. 21.
([3]) ĠU L 80, 18.3.2004, p. 33.
([4]) Deċiżjoni (UE) 2017/936 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Mejju 2017 li tinnomina kapijiet ta' unità ta' xogħol biex jadottaw deċiżjonijiet iddelegati ta' kompetenza u idoneità (BĊE/2017/16), ĠU L 141, 1.6.2017, p. 26.

(b) id-Direttur Ġenerali tad-Superviżjoni Mikroprudenzjali II, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp taħt superviżjoni relevanti hija mwettqa mid-Direttorat Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali II; jew

(c) jekk Direttur Ġenerali ma jkunx disponibbli, id-Deputat Direttur Ġenerali tagħhom.".,

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 13 ta' Frar 2018.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI